

MT

MT

MT



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 26.6.2009
KUMM(2009) 326 finali

2009/0085 (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-konklużjoni tal-Istatut tal-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Rinnovabbli
(IRENA) mill-Komunità Ewropea u dwar l-eżerċizzju tad-drittijiet u l-obbligi tagħha**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-ħolqien ta' "Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Rinnovabbli" (IRENA), bl-għan li ssir ċentru ta' eċċellenza għall-enerġija rinnovabbli, tagħti pariri lill-gvernijiet dwar it-tfassil ta' programmi nazzjonali għall-introduzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, ixxerred l-informazzjoni dwar l-enerġija rinnovabbli u toffri attivitajiet ta' taħriġ u pariri dwar l-aqwa prattika u għażliet ta' finanzjament, ilu jiġi diskuss. L-Istatut tal-IRENA (l-"Istatut") ġie ffirmat f'Bonn fis-26 ta' Jannar 2009 minn 75 Stat, fosthom 20 Stat Membru.

L-Artikolu VI tal-Istatut jipprovdi għall-possibbiltà li l-organizzazzjonijiet reġjonali u intergovernattivi għall-integrazzjoni ekonomika jsiru membri. Għoxrin Stat Membru diġà ffirmaw l-istatut, u hemm ħtieġa ċara li l-Komunità tiġi rrappreżentata f'Aġenzija fejn uħud mill-obbligi pprovduti bl-Istatut jaffettwaw jew aktarx jaffettwaw l-arranġamenti stabbiliti bl-atti Komunitarji adottati fl-oqsma tal-ambjent u tal-enerġija, u konsegwentement jaffettwaw il-kompetenzi Komunitarji. Il-proċess tas-sħubija ma jinvolvi l-ebda negozjati minħabba li l-Istatut diġà qablu dwaru 75 Stat. Għalhekk, is-sħubija fl-IRENA tista' skont dan issir abbażi ta' deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar il-persuna awtorizzata biex tiffirma l-Istatut fisem il-Komunità Ewropea u li ttiprovdi għall-applikazzjoni provviżorja tiegħu.

Skont l-Artikolu VI.C tal-Istatut, fl-istadju tal-konklużjoni huwa meħtieġ li jiġu ddikjarati l-kompetenzi u r-responsabbiltajiet rispettivi tal-Komunità u tal-Istati Membri tagħha fit-twettiq tal-obbligi tagħhom skont l-Istatut.

Wara l-iffirmar tal-Istatut, din il-proposta ttiprovdi għall-konklużjoni tal-Istatut mill-Komunità Ewropea kif ukoll għall-adozzjoni ta' dikjarazzjoni tal-kompetenzi.

1.1. L-iffirmar u l-konklużjoni Komunitarji

L-Artikolu XIX tal-Istatut ibassar li l-Istatut jibqa' miftuħ għall-iffirmar, inkluż għall-organizzazzjonijiet reġjonali u intergovernattivi għall-integrazzjoni ekonomika, sakemm jidħol fis-seħħ fit-tletin jum wara d-data tad-depożitu tal-ħamsa u għoxrin strument ta' ratifikazzjoni.

1.2. Il-baġit

Il-baġit (l-Artikolu XII tal-Istatut) tal-Aġenzija għandu jiġi ffinanzjat mill-kontribuzzjonijiet obligatorji (u volontarji) tal-membri tagħha. Il-kontribuzzjonijiet obligatorji se jkunu bbażati fuq l-iskala ta' valutazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti, sabiex jiġu ddeterminati mill-Assemblea tal-IRENA. Huwa mistenni li kontribuzzjonijiet li jammontaw għal valur ta' U\$25 miljun fis-sena jkunu meħtieġa għat-tħaddim ta' kuljum tal-IRENA. Abbażi ta' dan, huwa mistenni li l-kontribuzzjonijiet Komunitarji jkunu ta' madwar 2.5 % tal-kontribuzzjonijiet obligatorji totali, jew 480 000 Euro fis-sena.

1.3. Ir-responsabbiltajiet Komunitarji u tal-Istati Membri: Id-dikjarazzjoni tal-kompetenzi

Mill-Artikolu VI.C tal-Istatut joħroġ li l-Komunità għandha tiddikjara safejn għandhom jaslu l-kompetenzi tagħha f'dak li għandu x'jaqsam ma' kwistjonijiet irregolati bl-Istatut u biex tinforma lill-Gvern depożitarju dwar kwalunkwe modifikazzjoni rilevanti fil-punt safejn għandhom jaslu l-kompetenzi tagħha.

L-Artikolu IV tal-Istatut jiddeskrivi l-lista tal-attivitajiet li l-Aġenzija se tkun qed twettaq. Il-Kummissjoni hija tal-fehma li, tal-anqas, l-attivitajiet relatati mal-analiżi u/jew l-ġħoti ta' pariri dwar il-politika tal-enerġija rinnovabbli tal-Artikolu IV, kif ukoll attivitajiet skont l-Artikolu V relatati mal-programm ta' ħidma tal-Aġenzija, attivitajiet skont l-Artikolu XIV relatati mar-relazzjonijiet ma' organizzazzjonijiet oħra, u attivitajiet skont l-Artikolu XV.A relatati mal-emendi tal-Istatut, jaqgħu taħt il-kompetenza konġunta tal-Komunità.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni tal-Istatut tal-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Rinnovabbli (IRENA) mill-Komunità Ewropea u dwar l-eżerċizzju tad-drittijiet u l-obbligi tagħha

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 175, il-paragrafu 1 flimkien mal-Artikolu 300, il-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu u l-Artikolu 300, il-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) Fil-[], l-Istatut tal-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Rinnovabbli ("l-Istatut") ġie ffirmat f'isem il-Komunità Ewropea.
- (2) Huwa xieraq għall-Komunità Ewropea li tikkonkludi l-Istatut.
- (3) Kemm il-Komunità Ewropea kif ukoll l-Istati Membri tagħha huma kompetenti fl-oqsma koperti mill-Istatut.
- (4) L-Artikolu VI.C tal-Istatut jipprevedi li l-organizzazzjonijiet reġjonali u intergovernattivi għall-integrazzjoni ekonomika li jsiru membri tal-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Rinnovabbli ("IRENA") jiddikjaraw safejn għandha tasal il-kompetenza tagħhom f'dak li għandu x'jaqsam mal-kwistjonijiet irregolati bl-Istatut.
- (5) Għalhekk, il-Komunità Ewropea għandha tadotta t-tali dikjarazzjoni tal-kompetenza.
- (6) Il-Komunità Ewropea għandha tħallas kontribuzzjoni annwali lill-IRENA biex issaħħaħ il-ħidma tal-Aġenzija u biex tkopri l-ispejjeż amministrattivi addizzjonali, previsti mill-Programm IEE.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

1. Permezz ta' dan, l-Istatut tal-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Rinnovabbli qed jiġi approvat f'isem il-Komunità.

Artikolu 2

1. Il-President tal-Kunsill permezz ta' dan qed jiġi awtorizzat biex jaħtar il-persuna(i) awtorizzata(i) biex tiddepożita/jiddepożitaw l-istrument tar-ratifikazzjoni, fisem il-Komunità, mal-Gvern tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja bħala depożitarju tal-istatut skont l-Artikolu XIX u l-Artikolu XX.A tal-Istatut sabiex jesprimi l-kunsens tal-Komunità li tkun marbuta bih.

2. Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat biex jaħtar il-persuna(i) awtorizzata(i) li tiddepożita/jiddepożitaw, fisem il-Komunità, id-dikjarazzjoni tal-kompetenza li tinsab fl-Anness II, skont l-Artikolu VI.C tal-Istatut.

Artikolu 3

L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom josservaw il-kodiċi tal-kondotta stabbilita fl-Anness III.

Artikolu 4

Mill-[1 ta' Lulju 2010], il-Komunità Ewropea għandha tibda tħallas kontribuzzjoni annwali lill-IRENA.

Magħmul fi Brussell, [...]

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS I

Dikjarazzjoni tal-kompetenzi

1. L-Artikolu VI.C. tal-Istatut jipprovdi li l-istrument tar-ratifikazzjoni tal-adeżjoni ta' organizzazzjoni reġjonali u intergovernattiva għall-integrazzjoni ekonomika għandu jkollu dikjarazzjoni tal-punt safejn għandhom jaslu l-kompetenzi tiegħu f'dak li għandu x'jaqsam mal-kwistjonijiet irregolati bl-Istatut.
2. Skont it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, il-Komunità Ewropea flimkien mal-Istati Membri taqsam il-kompetenza fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli.
3. L-eżerċizzju ta' kompetenza li l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea ttrasferew lill-Komunità Ewropea skont it-Trattati huwa, min-natura tiegħu, soġġett għal bdil kontinwu. Il-Komunità Ewropea għalhekk tirriżerva d-dritt li taġġusta d-dikjarazzjoni.

ANNEX II

Kodiċi ta' kondotta

1. Il-kodiċi se tapplika għal-laqgħat kollha organizzati fi ħdan il-qafas tal-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Rinnovabbli li huma rilevanti għall-implimentazzjoni tal-Istatut, b'mod partikolari għal-laqgħat tal-Assemblea u tal-Kunsill. Il-kodiċi tapplika wkoll mutatis mutandis għall-Artikolu XV tal-Istatut dwar l-irtirar u l-analiżi tal-emendi.
2. Għall-kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Istati Membri, il-Presidenza ssejjaħ b'inizjattiva tagħha stess jew b'talba tal-Kummissjoni jew ta' Stat Membru laqgħat ta' koordinazzjoni tad-delegazzjonijiet tal-Istati Membri qabel, waqt u wara kull laqgħa msemmija fil-paragrafu 1, bl-għan li jiġu elaborati l-pożizzjonijiet koordinati. L-abbozzi tad-dikjarazzjonijiet dwar il-pożizzjonijiet se jitqassmu fost l-Istati Membri minn qabel. L-Istati Membri se jesprimu dawn il-pożizzjonijiet koordinati u jeżerċitaw id-drittijiet ta' votazzjoni tagħhom fuq il-kwistjonijiet abbażi ta' dawn il-pożizzjonijiet koordinati.
3. Għall-kwistjonijiet li jaqgħu taħt kompetenza konġunta, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam ma':
 - pariri politiċi dwar il-politika tal-enerġija rinnovabbli ġenerali, bħal iffissar ta' miri, ostakoli amministrattivi, skemi u rekwiżiti ta' sostenibbiltà, kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi biex is-sorsi tal-enerġija rinnovabbli jiġu kkalkulati fil-miri ta' pajjiżi oħra u kwistjonijiet oħra koperti bid-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli,
 - relazzjonijiet ma' organizzazzjonijiet oħra u ftehimiet ma' entitajiet oħra,
 - emendi fl-Istatut,
 - il-programm ta' ħidma tal-Aġenzija, ir-regoli tal-proċedura u r-regoli finanzjarji, u r-rapport annwali,
 - il-koordinazzjoni sabiex jiġu eletti d-Direttur Ġenerali u l-membri tal-Kunsill;

il-Kummissjoni se ssejjaħ laqgħat ta' koordinazzjoni tad-delegazzjonijiet tal-Istati Membri qabel, waqt u wara kull laqgħa msemmija fil-paragrafu 1, bl-għan li jiġu elaborati l-pożizzjonijiet Komunitarji. L-abbozz tad-dikjarazzjonijiet dwar il-pożizzjonijiet se jitqassmu minn qabel fost l-Istati Membri. Il-Kummissjoni se tesprimi, f'isem il-Komunità, il-pożizzjonijiet Komunitarji dwar dawn il-kwistjonijiet.

4. Skont l-Artikolu VI.C tal-Istatut, il-Kummissjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, se teżerċita d-drittijiet ta' votazzjoni tal-Komunità abbażi tal-pożizzjonijiet Komunitarji dwar il-kwistjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3.
5. Jista' jkun hemm ftehim li f'każijiet fejn il-Komunità ma tkunx irrappreżentata, l-Istati Membri jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom ta' votazzjoni dwar il-kwistjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3 abbażi tal-pożizzjonijiet Komunitarji.

6. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri se jagħmlu hilitom kollha f'laqgħat ta' koordinazzjoni fil-post biex jistabbilixxu pożizzjoni maqbula.
7. Jekk ma jkun jista' jintlaħaq l-ebda ftehim dwar il-kwistjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3, imbagħad il-kwistjoni tinbagħat mingħajr dewmien żejjed lill-Grupp ta' Ħidma għall-Enerġija tal-Kunsill jew lill-Kumitat Rappreżentanti Permanenti.
8. Meta ma jintlaħaq l-ebda ftehim bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri skont il-paragrafu 3, l-Istati Membri jistgħu jikkellmu u jivvutaw fuq kwistjonijiet li b'mod ċar jaqgħu taħt il-kompetenza tagħhom bil-kundizzjoni li l-pożizzjoni tkun taqbel mal-politiki Komunitarji u f'konformità mal-liġi Komunitarja. Il-Kummissjoni tista' titkellem u tivvota fuq kwistjonijiet li b'mod ċar jaqgħu taħt il-kompetenza Komunitarja safejn ikun meħtieġ biex tiddefendi l-acquis Komunitarju.

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. ISEM IL-PROPOSTA:

Miżata tas-sħubija għall-Aġenzija Internazzjonali għall-Enerġija Rinnovabbli (IRENA)

2. QAFAS TAL-ABM / ABB

Il-Qasam/L-Qasma ta' Politika kkonċernat(i) u l-Attività/Attivitajiet assoċjata/i:

L-Enerġija u t-Trasport

0604 Enerġija konvenzjonali u rinnovabbli

3. IL-LINJI TAL-BAĠIT

3.1. Il-linji tal-baġit (linji operattivi u linji għall-ghajjnuna teknika u amministrattiva relatati (li qabel kienu l-linji B..A)) inkluż l-intestaturi:

060406 Programm ta' Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni – Enerġija Intelliġenti – Programm għall-Ewropa

3.2. It-tul ta' żmien tal-azzjoni u tal-impatt finanzjarju:

480 000 fis-sena

3.3. Il-karatteristiċi tal-baġit (żid il-kolonni jekk meħtieġ)

Il-linja tal-baġit	It-tip ta' nfiq		Ġdid	Il-kontribuzzjoni tal-EFTA	Il-kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi applikanti	L-intestatura fil-perspettiva finanzjarja
060406	Mhux obligat orju	Diff ¹	LE	IVA	IVA	Nru 1a

¹ Approprijazzjonijiet differenzjati

4. TAQSIRA TAR-RIŻORSI

4.1. Ir-riżorsi finanzjarji

4.1.1. Taqsira tal-appropriazzjonijiet għall-impenn (AI) u l-appropriazzjonijiet għall-pagament (AP)

EUR miljun (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

It-tip ta' nfiq	It-taqsimanru		Is-sena n	n + 1	n + 2	n + 3	n + 4	n + 5 u wara	Total
-----------------	---------------	--	--------------	-------	-------	-------	-------	--------------------	-------

In-nefqa operattiva²

L-Appropriazzjonijiet għall-Impenn (AI)	8.1.	a	0.240	0.480	0.480	0.480	0.480	0.480 p.a.	
L-Appropriazzjonijiet għall-Pagament (AP)		b	0.240	0.480	0.480	0.480	0.480	0.480 p.a.	

In-nefqa amministrattiva fl-ammont ta' referenza³

L-assistenza teknika u amministrattiva (NDA)	8.2.4.	c	x	x	x	x	x	x	x
--	--------	---	---	---	---	---	---	---	---

L-AMMONT TOTALI TA' REFERENZA

L-Appropriazzjonijiet għall-Impenn		a+c	0.240	0.480	0.480	0.480	0.480	0.480 p.a.	
L-Appropriazzjonijiet għall-Pagament		b+c	0.240	0.480	0.480	0.480	0.480	0.480 p.a.	

In-nefqa amministrattiva mhux inkluża fl-ammont ta' referenza⁴

Ir-riżorsi umani u n-nefqa assoċjata (NDA)	8.2.5.	d	0.040	0.040	0.040	0.040	0.040	0.040 p.a.	
L-ispejjeż amministrattivi, minbarra r-riżorsi umani u l-ispejjeż assoċjati, mhux inklużi fl-ammont ta' referenza (NDA)	8.2.6.	e	0.005	0.005	0.005	0.005	0.005	0.005 p.a.	

L-ispiża finanzjarja totali indikattiva tal-intervent

It-TOTAL tal-AI inkluż l-ispiża tar-Riżorsi Umani		a+c +d +e	0.285	0.525	0.525	0.525	0.525	0.525 p.a.	
---	--	-----------------	-------	-------	-------	-------	-------	---------------	--

² In-nefqa li ma taqax taħt il-Kapitolu xx 01 tat-Titulu xx konċernat.

³ In-nefqa fl-Artikolu xx 01 04 tat-Titulu xx.

⁴ In-nefqa fil-Kapitolu xx 01 għajr għall-Artikoli xx 01 04 jew xx 01 05.

It-TOTAL tal-AP inkluż l- ispiża tar-Riżorsi Umani		b+c +d +e	0.285	0.525	0.525	0.525	0.525	0.525 p.a.	
---	--	-----------------	-------	-------	-------	-------	-------	---------------	--

Id-dettalji tal-kofinanzjament

Jekk il-proposta tinvolvi kofinanzjament mill-Istati Membri jew minn entitajiet oħra (jekk jogħġbok speċifika liema), għandha tiġi indikata stima tal-livell ta' dan il-kofinanzjament fit-tabella ta' hawn taħt (jistgħu jiżdiedu iktar linji jekk ikunu previsti entitajiet differenti għall-ġoti tal-kofinanzjament):

EUR miljun (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

L-entità tal-kofinanzjament		Is-sena nru	n + 1	n + 2	n + 3	n + 4	n + 5 u wara	Total
L-Istati Membri (f'każ li kollha jsiru membri tal-IRENA, bħalissa 20 huma membri)	f	7.2	14.5	14.5	14.5	14.5	14.5 p.a.	
Pajjiżi li mhumiex fl-UE (ibbażati fuq pajjiżi li huma Membri jew li urew interess li jsiru membri; jistgħu jiżdiedu biż-żmien)		2.4	4.8	4.8	4.8	4.8	4.8 p.a.	
It-TOTAL tal-AI, inkluż il-kofinanzjament	a+c +d +e +f	9.6	19.8	19.8	19.8	19.8	19.8 p.a.	

4.1.2. Kompatibbiltà mal-Ipprogrammar Finanzjarju

- ☒ Il-proposta hija kompatibbli mal-ipprogrammar finanzjarju eżistenti.
- ☐ Il-proposta se tkun teħtieġ l-ipprogrammar mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-perspettiva finanzjarja.
- ☐ Il-proposta tista' teħtieġ l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Interistituzzjonali⁵ (jiġifieri strument ta' flessibbiltà jew reviżjoni tal-perspettiva finanzjarja).

4.1.3. Impatt finanzjarju fuq id-Dħul

- ☒ Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja fuq id-dħul.
- ☐ Il-proposta għandha impatt finanzjarju — l-effett fuq id-dħul huwa kif ġej:

⁵ Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

EUR miljun (sa ċifra waħda wara l-punt deċimali)

		Qabel l-azzjoni [Is-sena n-1]	Is-sitwazzjoni wara l-azzjoni					
Il-linja tal-baġit	Id-dħul		[Is-sena n]	[n+1]	[n+2]	[n+3]	[n+4]	[n+5] 6
	a) Id-dħul f'termini assoluti							
	b) It-tibdil fid-dhul	Δ						

4.2. Ir-Riżorsi Umani tal-FTE (inkluż l-uffiċjali, u l-impjegati temporanji u esterni) – ara d-dettalji fil-punt 8.2.1.

Ir-reqwiżiti annwali	Is-sena n	n + 1	n + 2	n + 3	n + 4	n + 5 u wara
L-għadd totali tar-riżorsi umani	0.4	0.4	0.4	0.4	0.4	0.4 p.a.

5. IL-KARATTERISTIĊI U L-GĦANIJET

5.1. IL-ĦTIEĠA LI GĦANDHA TINTLAĦAQ FI ŻMIEN QASIR JEW FIT-TUL

L-għan ewlieni tal-IRENA huwa li xxerred l-aqwa Prattiki kemm fi ħdan l-UE kif ukoll fuq livell globali fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli.

5.2. Il-valur miżjud tal-involvement Komunitarju u l-koerenza tal-proposta ma' strumenti finanzjarji oħra u s-sinerġija possibbli

Bħala membru, il-Kummissjoni kieku jkollha aċċess dirett aħjar u ikbar għall-informazzjoni dwar l-attivitajiet fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli kemm fi ħdan l-UE kif ukoll globalment. Dan huwa utli għat-tfassil tal-politika inġenerali (pereżempju diskussjoni sostenibbli tal-bijokarburanti u tal-bijomassa) u jsaħħaħ il-monitoraġġ tal-progress mill-Istati Membri lejn il-mira vinkolanti tagħhom tal-enerġija rinnovabbli fl-2020.

Barra minn hekk, il-Komunità għandha kompetenzi konġunti mal-Istati Membri fuq ħafna aspetti tal-politika tal-enerġija rinnovabbli. Huwa mixtieq li l-Komunità tagħxi b'mod koordinat fi ħdan l-IRENA. Fil-mandat Komunitarju propost għall-iffirmar tal-IRENA huwa propost li l-Komunità ssir membru tal-IRENA; dan jimplika miżati tas-sħubija

⁶ Għandhom jiżdiedu kolonni addizzjonali jekk ikun meħtieġ, jiġifieri jekk it-tul taż-żmien tal-azzjoni jaqbez is-6 snin.

5.3. L-għanijiet, ir-riżultati mistennija u l-indikaturi relatati tal-proposta fil-kuntest tal-qafas tal-ABM

L-għan ewlieni tal-IRENA huwa li xxerred l-aqwa prattiki kemm fi ħdan l-UE kif ukoll fuq livell globali fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli. Dan jinkludi:

- Il-promozzjoni tat-teknoloġija tal-enerġija rinnovabbli fl-UE u globalment għal adattament usa' tas-suq, b'mod partikolari biex jitnaqqsu l-ispejjeż imma wkoll biex tiżdied l-esperjenza tas-suq.
- Biex jitnaqqsu l-ostakoli għall-enerġija rinnovabbli u jiġu stimulat l-aqwa prattiki u ż-żieda tal-kuxjenza.

Riżultati:

It-tixrid tal-għarfien u l-aqwa prattiki, permezz ta' Komunità attiva fi ħdan l-IRENA skont il-pożizzjonijiet koordinati dwar il-kwistjonijiet ta' kompetenza konġunta.

Indikaturi:

- Għadd ta' membri tal-IRENA li adottaw azzjonijiet / miżuri ġodda dwar is-sorsi tal-enerġija rinnovabbli (RES) b'riżultat dirett tal-pariri tal-IRENA.
- Għadd ta' miżuri ġodda implimentati b'riżultat tal-pariri tal-IRENA.
- Sehem minn pożizzjonijiet Komunitarji koordinati maqbula dwar kwistjonijiet rilevanti fi ħdan l-IRENA.

5.4. Il-metodu tal-implimentazzjoni (indikattiv)

Hawn isfel uri l-metodu/i magħżul(a) għall-implimentazzjoni tal-azzjoni. ☒

Ġestjoni Ċentralizzata

- ☒ direttament mill-Kummissjoni
- ☐ indirettament b'delega lill-:
 - ☐ Aġenziji eżekuttivi
 - ☐ entitajiet imwaqqfa mill-Komunitajiet kif imsemmi fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju
 - ☐ entitajiet nazzjonali tas-settur pubbliku/entitajiet b'missjoni ta' servizz pubbliku
- ☐ ***Ġestjoni konġunta jew deċentralizzata***
 - ☐ mal-Istati Membri
 - ☐ mal-pajjiżi Terzi
- ☐ ***Ġestjoni konġunta ma' organizzazzjonijiet internazzjonali (jekk jogħġbok speċifika)***

Kummenti rilevanti:

6. MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI

6.1. Is-sistema tal-monitoraġġ

Mhux applikabbli

6.2. L-evalwazzjoni

6.2.1. Evalwazzjoni ex-ante

Mhux applikabbli

6.2.2. Il-miżuri meħuda wara evalwazzjoni intermedjarja/ta' wara (tagħlimiet minn esperjenzi simili fl-imgħoddi)

Il-kontinwazzjoni tal-kontribuzzjoni annwali abbażi ta' prestazzjoni baxxa fuq l-indikaturi tista' terġa' tiġi kkunsidrata.

6.2.3. It-termini u l-frekwenza ta' evalwazzjoni ġejjiena

Wara 5 snin, f'każ li jkun hemm sinjali ta' nuqqas ta' suċċess u appoġġ għall-IRENA.

7. MIŻURI KONTRA L-FRODI

Mhux ikkunsidrati rilevanti

8. ID-DETTALJI TAR-RIŻORSI

8.1. L-għanijiet tal-proposta skont l-ispiża finanzjarja tagħhom

L-approprjazzjonijiet għall-impenn f'EUR miljun (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

(Għandhom jiġu pprovduti l-intestaturi tal-ghanijiet, tal-azzjonijiet u tar-riżultati)	Tip ta' riżultat	L-ispiza medja	Is-sena n		Is-sena n+1		Is-sena n+2		Is-sena n+3		Is-sena n+4		Is-sena n+5		TOTAL	
			L-għadd ta' riżultati	L-ispiża totali	L-għadd ta' riżultati	L-ispiża totali	L-għadd ta' riżultati	L-ispiża totali	L-għadd ta' riżultati	L-ispiża totali	L-għadd ta' riżultati	L-ispiża totali	L-għadd ta' riżultati	L-ispiża totali	L-għadd ta' riżultati	L-ispiża totali
GĦAN OPERATTIV Nru 1 ⁷			0.240		0.480		0.480		0.480		0.480		0.480		0.480	p.a.
Azzjoni Nru 1																
- Riżultat Nru.1																
Subtotal tal-Għan Nru 1																
GĦAN OPERATTIV Nru 2 ¹																
Azzjoni Nru 1																
- Riżultat Nru.1																
Subtotal tal-Għan Nru 2																
GĦAN OPERATTIV																

⁷

Kif deskritt fit-Taqsima 5.3.

Nru n ¹																
Subtotal tal-għan n																
SPIŻA TOTALI				0.240		0.480		0.480		0.480		0.480		0.480 p.a.		

8.2. In-Nefqa Amministrattiva

8.2.1. L-għadd u t-tip ta' riżorsi umani

It-tipi ta' kariga		Impjegati li għandhom jiġu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni bl-użu tar-riżorsi eżistenti u/jew addizzjonali (għadd ta' karigi/FTEs)					
		n	n+1	n+2	n+3	n+4	n+5
Uffiċjali jew impjegati temporanji ⁸ (XX 01 01)	A*/AD	0.222	0.222	0.222	0.222	0.222	0.222
	B*, C*/AST						
Impjegati ffinanzjati ⁹ bl-Artikolu XX 01 02		0.178	0.178	0.178	0.178	0.178	0.178
Impjegati oħra ¹⁰ ffinanzjati bl-Artikolu XX 01 04/05							
TOTAL		0.4	0.4	0.4	0.4	0.4	0.4

8.2.2. Deskrizzjoni tal-ħidmiet imnissla mill-azzjoni

- Kontinwazzjoni tal-attivitajiet tal-IRENA
- Kontribuzzjonijiet għall-programm ta' ħidma
- Is-sejħa, il-preparazzjoni u t-tkomplija tal-laqgħat ta' koordinazzjoni mal-iSM

8.2.3. Is-sorsi tar-riżorsi umani (statutorji)

- ☐ Karigi li bħalissa huma allokatati għall-ġestjoni tal-programm li għandu jinbidel jew jiġi estiż
- ☐ Karigi allokatati minn qabel fi ħdan l-eżerċizzju APS/PDB għas-sena n
- ☐ Karigi li se jintalbu fil-proċedura APS/PDB li jmiss
- ☒ Karigi li għandhom jitqassmu mill-ġdid bl-użu tar-riżorsi eżistenti fi ħdan is-servizz ta' ġestjoni (tqassim intern mill-ġdid)
- ☐ Karigi meħtieġa għas-sena n għalkemm mhux previsti fl-eżerċizzju APS/PDB tas-sena kkonċernata

⁸ L-ispiża ta' dawn MHIJEX koperta mill-ammont ta' referenza

⁹ L-ispiża ta' dawn MHIJEX koperta mill-ammont ta' referenza

¹⁰ L-ispiża ta' dawn hija inkluża fl-ammont ta' referenza

8.2.4. *Infq Amministrattiv ieħor inkluż fl-ammont ta' referenza (XX 01 04/05 - Infq għall-
għestjoni amministrattiva)*

EUR miljun (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

Il-linja tal-baġit (għadd u intestatura)	n	n+1	n+2	n+3	Is- sena n+4	n+5 u wara	TOTAL
1 Assistenza teknika u amministrattiva (inkluż spejjeż relatati tal-impjegati)							
Aġenziji eżekuttivi ¹¹							
Assistenza teknika u amministrattiva oħra							
- <i>intra muros</i>							
- <i>extra muros</i>							
Assistenza teknika u amministrattiva totali							

8.2.5. *L-ispiża finanzjarja tar-riżorsi umani u l-ispejjeż assoċjati mhumiex inklużi fl-
ammont ta' referenza*

EUR miljun (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

It-tip ta' riżorsi umani	n	n+1	n+2	n+3	Is- sena n+4	Is- sena n+5 u wara
Uffiċjali u impjegati temporari (XX 01 01)	0.027	0.027	0.027	0.027	0.027	0.027 p.a.
Impjegati ffinanzjati bl- Artikolu XX 01 02 (awżiljarji, END, impjegati bil-kuntratt, eċċ.) (speċifika l-linja tal-baġit)	0.013	0.013	0.013	0.013	0.013	0.013 p.a.
L-ispiża totali tar-Riżorsi Umani u tal-ispejjeż assoċjati (MHUX inklużi fl- ammont ta' referenza)	0.040	0.040	0.040	0.040	0.040	0.040 p.a.

¹¹ Għandha ssir referenza għad-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva speċifika għall-Aġenzija/i Eżekuttiva/i kkonċernata/i.

Kalkolu – <i>Uffiċjali u Aġenti temporanji</i>
<i>Il-ħidma multiannwali, sabiex l-ispejjeż ikunu bbażati fuq l-ispejjeż medji tal-uffiċjali amministrattivi fil-Kummissjoni</i>
<i>0.4 fte x (122 x 5/9) + 0.4 fte x (73 x 3/9) + 0.4 fte x (64 x 1/9) = 40 000 Euro</i>
Kalkolu – <i>Impjegati ffinanzjati skont l-Artikolu XX 01 02</i>
<i>Ara l-kaxxa ta' hawn fuq</i>

8.2.6. *Spejjeż amministrattivi oħra li mhumiex inklużi fl-ammont ta' referenza*

EUR miljun (sa 3 ċifri wara l-punt deċimali)

	n	n+1	n+2	n+3	Is-sena n+4	Is-sena n+5 u wara	TOTAL
XX 01 02 11 01 – Missjonijiet	0.005	0.005	0.005	0.005	0.005	0.005 p.a.	
XX 01 02 11 02 – Laqgħat u Konferenzi							
XX 01 02 11 03 – Kumitati ¹²							
XX 01 02 11 04 – Studji & konsultazzjonijiet							
XX 01 02 11 05 – Sistemi tal-informazzjoni							
2 Infq Totali Ieħor ta' Ġestjoni (XX 01 02 11)							
3 Infq ieħor ta' natura amministrattiva (speċifika billi tinkludi referenza għal-linja baġitarja)							
It-total tal-infq Amministrattiv, minbarra r-riżorsi umani u l-ispejjeż assoċjati (MHUX inklużi fl-ammont ta' referenza)	0.005	0.005	0.005	0.005	0.005	0.005 p.a.	

¹² Speċifika t-tip ta' kumitat u l-grupp li jagħmel parti minnu.

Kalkolu – *Spejjeż amministrattivi oħra li mhumiex inklużi fl-ammont ta' referenza*

5 missjonijiet ta' 1000 Euro = 5000 Euro

Dawn l-ispejjeż jistgħu jinbidlu, skont id-deċiżjoni li tittieħed dwar fejn se jkun il-post permanenti tas-segretarjat.